SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

19 ta' Novembru 2009 *

Fil-Kawża C-540/07,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 226 KE, ippreżentat fit-30 ta' Novembru 2007,

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentata minn R. Lyal u A. Aresu, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

Ir-Repubblika Taljana, irrappreżentata minn R. Adam, bħala aġent, assistit minn P. Gentili, avvocato dello Stato, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot (Relatur), President tar-Raba' Awla, aġent President tat-Tieni Awla, C. Toader, C. W. A. Timmermans, K. Schiemann u P. Kūris, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,
Reġistratur: R. Grass,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2009,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkonstata li, billi żammet fis-seħħ, fir-rigward tad-dividendi ddistribwiti lil kumpanniji stabbiliti fl-Istati Membri l-oħra u fl-Istati li huma firmatarji tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU Ediżżjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 52, p. 3, iktar 'il quddiem il-"Ftehim ŻEE"), sistema fiskali inqas favorevoli mis-sistema applikabbli għad-dividendi ddistribwiti lill-kumpanniji residenti, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt

l-Artikoli 56 KE u 40 tal-Ftehim ŻEE għal dak li għandu x'jaqsam mal-moviment liberu tal-kapital bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati firmatarji tal-ftehim inkwistjoni, kif ukoll milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 31 ta' dan il-ftehim, għal dak li għandu x'jaqsam mal-libertà ta' stabbiliment fl-Istati firmatarji ta' dan il-ftehim.

Il-kuntest ġuridiku

Il-Ftehim ŻEE

2 L-Artikolu 6 tal-Ftehim ŻEE jipprovdi:

"Mingħajr preġudizzju għal żviluppi futuri tal-ġurisprudenza, d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, sa fejn huma identiċi fis-sustanza għar-regoli korrispondenti tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u għall-atti adottati fl-applikazzjoni taż-żewġ Trattati, għandhom, fl-implimentazzjoni u fl-applikazzjoni tagħhom, jigu interpretati b'konformità mad-deċiżjonijiet rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej mogħtija qabel id-data tal-firma ta' dan il-Ftehim."

3 L-Artikolu 31 tal-Ftehim ŻEE jaqra kif ġej:

"1. Fil-qafas tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, ma għandu jkun hemm l-ebda restrizzjoni fuq il-libertà ta' stabbiliment ta' cittadini ta' Stat Membru tal-[Komunità Ewropea] jew ta' Stat ta' l-[Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA)] fit-territorju ta' xi ieħor minn dawn l-Istati. Dan għandu japplika ukoll għat-twaqqif ta' aġenziji, fergħat jew kumpanniji sussidjarji minn citttadini ta' xi Stat Membru tal-[Komunità] jew Stat ta' l-EFTA stabbiliti fit-territorju ta' xi wieħed minn dawn l-Istati.

Il-libertà ta' stabbiliment għandha tinkludi d-dritt li wieħed jibda' jew jeżercita attivitajiet bħala persuna li taħdem għal rasha u li jwaqqaf u jimmaniġġa impriżi, b'mod partikolari kumpanniji jew ditti fit-tifsira ta' l-Artikolu 34, it-tieni paragrafu, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti għaċ-ċittadini tiegħu stess bil-liġi tal-pajjiż fejn dak l-istabbiliment hu effettwat, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 4."

4 L-Artikolu 40 tal-Ftehim ŻEE min-naħa tiegħu jistabbilixxi:

"Fil-qafas tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, ma għandu jkun hemm l-ebda restrizzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti fuq il-moviment ta' kapital li jappartjeni lil persuni li huma residenti fi Stati Membri tal-[Komunità] jew fi Stati ta' l-EFTA u ma għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni msejsa fuq iċ-ċittadinanza jew fuq il-post ta' residenza tal-partijiet jew fuq il-post fejn dak il-kapital hu investit. L-Anness XII fih id-dispożizzjonijiet necessarji biex jiġi implimentat dan l-Artikolu".

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

5 L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE, tat-23 ta' Lulju 1990, dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali [parent] u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 147), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/123/KE, tat-22 ta' Diċembru 2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 2, p. 3, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 90/435"), jipprovdi:

"[…]

a) l-istatus tal-kumpannija parent għandu jiġi attribwit għall-inqas lil kull kumpannija ta' Stat Membru li twettaq il-kondizzjonijiet iddikjarati fl-Artikolu 2 u li jkollha sehem minimu ta' 20 % fil-kapital ta' kumpannija ta' Stat Membru ieħor li jwettaq l-istess kondizzjonijiet.

dan l-istatus għandu jiġi attribwit ukoll, taħt l-istess kondizzonijiet, lil kumpannija ta' Stat Membru li jkollha s-sehem ta' 20 % ta' kumpannija ta' l-istess Stat Membru, miżmum fl-intier tiegħu jew f'parti minnu minn stabbiliment permanenti tal-kumpannija ta' qabel lokata fi Stat Membru ieħor.

[…]"

6 Skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 90/435:

"Meta kumpannija parent jew l-istabbiliment permanenti tagħha jirċievu l-profitti mqassna bis-saħħa ta' l-assoċjazzjoni tal-kumpannija parent mas-sussidjarja tagħha, l-Istat tal-kumpannija parent u l-Istat ta' l-istabbiliment permanenti tagħha għandhom, għajr meta s-sussidjarja tiġi llikwidata, jew:

— iżommu lura milli jintaxxaw dawn il-profitti, jew

— jintaxxaw dawn il-profitti filwaqt li jawtorizzaw lill-kumpannija parent u lill-istabbiliment permanenti li jnaqqsu mill-ammont mistħoqq tat-taxxa dak il-frazzjon tat-taxxa fuq il-korporazzjonijiet li jkollu x'jaqsam ma' dawn il-profitti u mħallas mis-sussidjarja u minn kull sussidjara fi skala iktar baxxa, bla ħsara għall-kondizzjoni illi f'kull skaluna kumpannija u s-sussidjara ta' l-iskaluna iktar baxxa

tagħha jissodisfaw il-ħtiġiet ipprovvduti fl-Artikolu 2 u 3, sal-limitu ta' l-ammont tat-taxxa mitħoqqa korripsondenti."

7 L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 90/435 jipprovdi:

"Il-profitti li sussidjarja tqassam lill-kumpannija parent għandhom ikunu eżentati mit-taxxa f'ras il-għajn."

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

Is-sistema tad-dividendi nazzjonali

8 Is-sistema Taljana tat-tassazzjoni tad-dividendi nazzjonali mħallsa lil kumpanniji u stabbilimenti kummerċjali suġġetti fl-Italja għat-taxxa fuq id-dħul tal-persuni ġuridiċi tirriżulta mid-digriet leġiżlattiv Nru 344, dwar ir-riforma tat-taxxa fuq id-dħul ta' persuni ġuridiċi, skont l-Artikolu 4 tal-liġi Nru 80 tas-7 ta' April 2003 ("decreto legislativo recante *riforma dell'imposizione sul reddito delle società, a norma dell'articolo 4 della legge 7 aprile 2003, n. 80*"), tat-12 ta' Diċembru 2003 (supplement ordinarju tal-GURI Nru 291, tas-16 ta' Diċembru 2003), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2005.

9 Wara din ir-riforma, is-sistema inkwistjoni hija rregolata mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 89 intitolat "Dividendi u interessi", tat-test uniku fuq it-taxxa fuq id-dħul, adottat bid-digriet Nru 917 tal-President tar-Repubblika, tat-22 ta' Diċembru 1986, li jipprovdi:

"Il-profitti ddistribwiti, taħt xi forma jew denominazzjoni, tkun xi tkun, anki fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 47(7), mill-kumpanniji u stabbilimenti msemmija fl-Artikolu 73 (1)(a) u (b), ma jikkostitwixxux element ta' dħul għas-sena finanzjarja li fiha jkunu tħallsu, peress li 95 % tat-total tagħhom huwa esklużż mid-dħul tal-kumpannija jew tal-istabbiliment benefiċjarju".

10 Skont l-Artikolu 73(1)(a) u (b) tal-imsemmi test uniku:

"Huma suġġetti għat-taxxa fuq id-dħul tal-persuni ġuridiċi:

a) il-kumpanniji b'responsabbiltà limitata pubbliċi u s-soċjetajiet in akkomandita limitati bl-azzjonijiet, il-kumpanniji b'responsabbiltà limitata privati, il-kooperattivi u s-soċjetajiet mutwalistiċi, stabbiliti fit-territorju tal-Istat;

b) l-entitajiet pubbliċi u privati għajr il-kumpanniji, stabbiliti fit-territorju tal-Istat, li l-għan esklużiv jew prinċipali tagħhom huwa t-twettiq ta' attivitajiet kummerċjali."

Is-sistema tad-dividendi li jitħallsu lil benefiċjarji barranin

11 It-tielet paragrafu ta-Artikolu 27, intitolat "Taxxa fuq id-dividendi", tad-digriet Nru 600 tal-President tar-Repubblika, li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni għall-kalkolu tat-taxxa fuq id-dħul (decreto del Presidente della Republica recante *disposizioni comuni in materia di accertamento delle imposte sui redditi*), tad-29 ta' Settembru 1973, jipprovdi:

"Għandha tinżamm taxxa f'ras il-għajn bir-rata ta' 27 % fuq il-profitti ddistribwiti lil persuni mhux residenti fit-territorju nazzjonali. Ir-rata tat-taxxa titnaqqas għal 12.5 % fir-rigward tal-profitti mħallsa lill-azzjonisti tat-tifdil. Dawk li ma humiex residenti, għajr l-azzjonisti tat-tifdil, għandhom id-dritt għar-rifużjoni, sal-limitu ta' 4/9 tal-ammont miżmum, tat-taxxa definittiva li jkunu ħallsu fi Stat ieħor fuq l-istess profitti, u l-prova ta' dan għandha tingħata permezz ta' ċertifikat maħruġ mill-awtorità fiskali kompetenti tal-Istat barrani".

12 L-Artikolu 27a ta' dan id-digriet jipprovdi għar-rifużjoni tat-taxxa jew, taħt ċerti kundizzjonijiet, l-eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn prevista fl-Artikolu 27 tal-imsemmi digriet fil-każ ta' kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet dwar il-livell ta' ishma miżmuma fil-kapital tal-kumpannija li tiddistribwixxi u t-tul tal-perijodu li matulu nżammu previsti mid-Direttiva 90/435.

Il-proċedura prekontenzjuża

13 Peress li l-Kummissjoni kkunsidrat is-sistema fiskali tad-dividendi ta' oriġini Taljana ddistribwiti lil kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor jew fi Stat firmatarju tal-Ftehim ŻEE inkompatibbli mal-moviment liberu tal-kapital u mal-libertà ta' stabbiliment, hija ddeċidiet li tibda l-proċedura prevista fl-Artikolu 226 KE u intimat lir-Repubblika Taljana b'ittra tat-18 ta' Ottubru 2005.

14 Peress li ma kinitx konvinta mill-argumenti mressqa mir-Repubblika Taljana fl-ittra tagħha tad-9 ta' Frar 2006, il-Kummissjoni bagħtet, permezz ta' ittra tal-4 ta' Lulju 2006, opinjoni motivata lil dan l-Istat Membru fejn stednitu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma ruħu ma' din l-opinjoni f'terminu ta' xahrejn li bdew jiddekorru mill-ġurnata li fiha rċieva din l-opinjoni.

15 B'ittra tat-30 ta' Jannar 2007 ir-Repubblika Taljana rrispondiet għall-opinjoni motivata. Peress li kkunsidrat li dan l-Istat Membru ma rrimedjax il-ksur allegat, il-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta dan ir-rikors.

Fuq ir-rikors

Fuq l-ammissibbiltà

16 Ir-Repubblika Taljana ssostni li r-rikors huwa inammissibbli minħabba li s-suġġett tiegħu ma huwiex preċiż biżżejjed. Il-Kummissjoni llimitat ruħha sabiex tqabbel testi leġiżlattivi diversi u li tikkonstata li huma jipprovdu għal tassazzjoni f'ras il-għajn fuq id-dividendi li jitħallsu lil benefiċjarji barranin ogħla mil-livell ta' tassazzjoni prevista għad-dividendi ddistribwiti lil kumpanniji stabbiliti fl-Italja, mingħajr ma wettqet analiżi preċiża u kompleta ta' kull waħda minn dawn il-leġiżlazzjonijiet u mingħajr ma uriet b'mod speċifiku l-inkompatibbiltà ta' kull waħda minnhom mal-prinċipji li hija tinvoka.

17 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li l-Artikolu 38(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura jipprovdi li kull rikors promotur għandu jkun fih, b'mod partikolari, is-suġġett tal-kawża u sunt tar-raġunijiet imressqa. Konsegwentement, huwa l-obbligu tal-Kummissjoni, f'kull rikors ippreżentat taħt l-Artikolu 226 KE, li tindika b'mod suffiċjentement preċiż u koerenti l-ilmenti invokati, sabiex tippermetti lill-Istat Membru jipprepara d-difiża tiegħu u lill-Qorti tal-Ġustizzja tivverifika l-eżistenza tal-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-

13 ta' Diċembru 1990, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-347/88, Ġabra p. I-4747, punt 28, u tal-4 ta' Mejju 2006, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-98/04, Ġabra p. I-4003, punt 18).

18 F'dan il-każ, jirriżulta b'mod suffiċjentement ċar u preċiż mill-motivazzjoni kif ukoll mit-talbiet tar-rikors tal-Kummissjoni li dan jirrigwarda l-konformità mal-prinċipji tal-moviment liberu tal-kapital u tal-libertà ta' stabbiliment tad-differenza bejn is-sistema fiskali tad-dividendi ddistribwiti lil residenti Taljani u dik tad-dividendi ddistribwiti lil kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra jew fi Stati firmatarji tal-Ftehim ŻEE.

19 Peress li r-rikors huwa ċar, għandha konsegwentement tiġi miċħuda l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mir-Repubblika Taljana.

Fuq il-mertu

L-argumenti tal-partijiet

20 Il-Kummissjoni essenzjalment issostni li d-dividendi mħallsa lill-kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra jew fl-Istati li huma firmatarji tal-Ftehim ŻEE huma trattati b'mod inqas favorevoli minn dawk imħallsa lill-kumpanniji residenti fl-Italja. Dan jiskoraġġixxi l-investimenti f'kumpanniji stabbiliti fl-Italja minn kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra jew fi Stati li huma firmatarji tal-Ftehim ŻEE u huwa, f'dan is-sens, ta' xkiel għall-moviment liberu tal-kapital.

21 Peress li d-Direttiva 90/435 ma hijiex applikabbli għall-kumpanniji stabbiliti fl-Istati li huma firmatarji tal-Ftehim ŻEE u sa fejn is-sistema fiskali Taljana tad-dividendi li jitħallsu lil benefiċjarji barranin tikkonċerna wkoll l-ishma ta' kontroll f'kumpanniji

Taljani li huma proprjetà ta' kumpanniji stabbiliti fl-Istati li huma firmatarji tal-Ftehim ŻEE, il-Kummissjoni ssostni li l-Artikolu 31 tal-Ftehim ŻEE, li jipprojbixxi, b'mod simili għad-dispożizzjonijiet korrispondenti tat-Trattat KE, kull restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment, ukoll inkiser.

22 Ir-Repubblika Taljana ssostni li l-fatt li jiġu eżentati mit-taxxi d-dividendi nazzjonali iżda li jiġu suġġetti għal taxxa f'ras il-għajn id-dividendi li jitħallsu lil benefiċjarji barranin ma huwiex neċessarjament u fi kwalunkwe sitwazzjoni kuntrarju għad-dritt Komunitarju. L-inkompatibbiltà mad-dritt Komunitarju tkun tista' tiġi kkonstatata biss fis-sitwazzjoni konkreta fejn, wara applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-ftehim bilaterali dwar ħelsien minn taxxa doppja, il-kumpannija tal-Istat Membru l-ieħor li tirċievi d-dividendi ma tkunx f'pożizzjoni li telimina fl-Istat Membru fejn tinsab is-sede tagħha t-taxxa doppja, pereżempju billi ssir tpaċija mad-dħul taxxabbli tagħha stess fuq livell nazzjonali tat-taxxa f'ras il-għajn li ġiet imposta fl-Istat Membru tal-kumpannija li ddistribwiet id-dividendi. B'ħekk, fis-sitwazzjoni fejn il-ftehim bilaterali dwar ħelsien minn taxxa doppji jipprovdi, f'dan l-Istat Membru ta' destinazzjoni, mekkaniżmu ta' tpaċija f'dan l-Istat, tat-taxxa f'ras il-għajn applikata fl-Istat Membru tas-sors, ir-Repubblika Taljana tikkunsidra li ma jkunx hemm diskriminazzjoni li tmur kontra l-Artikolu 56 KE. Il-klawżoli ta' tpaċija previsti minn dawn il-ftehim bilaterali jikkorrispondu mas-setgħa li għandhom l-Istati Membri li jqassmu l-kompetenza fiskali tagħhom.

23 F'dan ir-rigward il-Kummissjoni ma tressaqx il-prova li l-ebda wieħed mill-ftehim bilaterali konklużi mir-Repubblika Taljana jippermetti li jiġi eliminat l-impatt tat-taxxa f'ras il-għajn applikata f'dan l-Istat Membru.

24 Ir-Repubblika Taljana ssostni wkoll li t-trattament fiskali tad-dividendi li jitħallsu lil benefiċjarji barranin għandu jiġi evalwat fid-dawl tas-sistema kollha ta' tassazzjoni tad-dividendi ddistribwiti lil benefiċjarji ġewwa dan l-Istat Membru. F'dan l-aħħar imsemmi każ, id-distribuzzjoni ta' dividend lil persuna fiżika azzjonista, residenti fl-Italja, hija suġġetta għat-taxxa. L-eżenzjoni ta' 95 % tad-dividendi riċevuti mill-persuni taxxabbli hija sempliċement stadju preparatorju għat-tassazzjoni tal-persuni fiżiċi azzjonisti. Fis-sitwazzjoni fejn l-azzjonista hija kumpannija mhux residenti, li normalment tqassam id-dividendi lil persuni fiżiċi mhux residenti, ma hemmx

tassazzjoni tal-persuni fiżiċi. Ir-Repubblika Taljana ssostni li kumpannija mhux residenti tiġi fil-fatt intaxxata iktar minħabba l-fatt li l-livell ta' tassazzjoni fuq il-profitti tal-kumpanniji jrid tkun koerenti ma' dak previst għall-persuni fiżiċi. B'dan il-mod, il-livell ta' tassazzjoni bejn l-azzjonista persuna fiżika residenti u l-azzjonista mhux residenti jkun ekwivalenti.

25 Ir-Repubblika Taljana sussidjarjament issostni li d-differenza fit-trattament hija ġġustifikata bid-differenza fis-sitwazzjoni, marbuta mal-fatt li l-kumpanniji mhux residenti ma għandhom l-ebda obbligu li jikkomunikaw lis-servizzi tat-taxxa Taljani l-preżenza, fi ħdan il-kapital ta' kumpanniji bħal dawn, ta' persuni fiżiċi li jirrisjedu fl-Italja.

26 Ir-Repubblika Taljana, ssostni wkoll li anki jekk jitqies li s-sitwazzjonijiet ma humiex differenti, id-diskriminazzjoni hija ġġustifikata bir-rekwiżiti tal-koerenza tas-sistema fiskali kif ukoll bil-ħtieġa tal-prevenzjoni tal-frodi jew l-evażjoni fiskali.

27 Ir-Repubblika Taljana ssostni wkoll li l-Kummissjoni fi kwalunkwe każ ma tistax takkużaha li ma antiċipatx l-iżvilupp tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u s-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 2006, Denkavit Internationaal u Denkavit France (C-170/05, Ġabra p. I-11949), u tat-8 ta' Novembru 2007, Amurta (C-379/05, Ġabra p. I-9569), mogħtija wara l-iskadenza tat-terminu li ngħatalha fl-opinjoni motivata.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

— Fuq il-ksur tal-Artikolu 56(1) KE

28 Preliminarjament, għandu jiġi mfakkar li, għalkemm it-tassazzjoni diretta taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, dawn tal-aħħar għandhom jeżerċitawha filwaqt li josservaw id-dritt Komunitarju (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2005, Marks & Spencer, C-446/03, Ġabra p. I-10837, punt 29).

29 B'hekk, fin-nuqqas ta' miżuri ta' unifikazzjoni jew ta' armonizzazzjoni Komunitarja, l-Istati Membri jibqa' jkollhom il-kompetenza sabiex jiddeterminaw, permezz ta' ftehim jew unilateralment, il-kriterji ta' tqassim tas-setgħa ta' tassazzjoni tagħhom, sabiex, b'mod partikolari, tiġi eliminata t-taxxa doppja (sentenzi tat-12 ta' Mejju 1998, Gilly, C-336/96, Ġabra p. I-2793, punti 24 u 30, kif ukoll tas-7 ta' Settembru 2006, N, C-470/04, Ġabra p. I-7409, punt 44).

30 Id-Direttiva 90/435 hija intiża sabiex telimina, billi tiġi stabbilita sistema fiskali komuni, kull żvantaġġ għall-kooperazzjoni bejn kumpanniji ta' Stati Membri differenti meta mqabbla mal-kooperazzjoni bejn kumpanniji fl-istess Stat Membru u sabiex b'hekk tiffaċilita l-formazzjoni ta' grupp ta' kumpanniji fuq il-livell Komunitarju (sentenza tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation, C-446/04, Ġabra p. I-11753, punt 103).

31 Fir-rigward tal-ishma li ma jaqgħux taħt id-Direttiva 90/435, huma l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu jekk, u sa fejn, għandha tiġi evitata t-taxxa doppja ekonomika tal-profitti ddistribwiti u li jdaħħlu, għal dan il-għan, unilateralment jew permezz ta' ftehim konklużma' Stati Membri oħra proċeduri intiżi sabiex jipprevjenu jew inaqqsu din it-taxxa doppja ekonomika. Madankollu, dan il-fatt waħdieni ma jfissirx li l-Istati Membri jistgħu jimponu miżuri li jmorru kontra l-libertajiet tal-moviment iggarantiti mit-Trattat KE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, C-374/04, Ġabra p. I-11673, punt 54).

32 Fil-każ preżenti, il-leġiżlazzjoni Taljana teżenta mit-taxxa, sa 95 %, id-dividendi ddistribwiti lil kumpanniji residenti u tissuġġetta lir-rimanenti 5 % għar-rata normali tat-taxxa fuq id-dħul tal-kumpanniji, li hija ta' 33 %. Id-dividendi ddistribwiti lil kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra huma suġġetti għal taxxa f'ras il-għajn bir-rata ta' 27 %, u sa 4/9 ta' din is-somma jistgħu, barra minn hekk u fuq talba, jitħallsu lura. Taxxa f'ras il-għajn b'rata mnaqqsa tista' tkun ukoll applikata, skont id-dispożizzjonijiet ta' diversi ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja, meta ċerti kundizzjonijiet relatati ma' ishma miżmuma u mat-tul tal-perijodu li matulu nżammu huma sodisfatti, iżda din ir-rata tibqa' ogħla minn dik imposta fuq id-dividendi ddistribwiti lill-kumpanniji residenti.

33 Ma huwiex ikkontestat, fl-aħħar nett, li l-leġiżlazzjoni Taljana tissuġġetta d-dividendi ddistribwiti lil kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra għal rata ta' tassazzjoni ogħla minn dik li għaliha huma suġġetti d-dividendi ddistribwiti lill-kumpanniji residenti.

34 Ir-Repubblika Taljana madankollu ssostni li din id-differenza fit-trattament hija biss apparenti peress li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati, minn naħa, il-ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja u, min-naħa l-oħra, is-sistema fiskali Taljana b'mod ġenerali.

35 Fuq l-ewwel punt, ir-Repubblika Taljana ssostni li d-dividendi ddistribwiti lil kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra fir-realtà ma humiex ittrattati b'mod differenti mid-dividendi ddistribwiti lil kumpanniji residenti peress li l-ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja jippermettu t-tpaċija tat-taxxa f'ras il-għajn imposta fl-Italja ma' dik dovuta fl-Istat Membru l-ieħor.

36 F'dan ir-rigward, huwa ċertament minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma jistax jiġi eskluż li Stat Membru jirnexxilu jiggarantixxi l-osservanza tal-obbligi tiegħu li jirriżultaw mit-Trattat billi jikkonkludi ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja ma' Stat Membru ieħor (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, punt 71, u Amurta, punt 79).

37 Għal dan il-għan huwa madankollu neċessarju li l-applikazzjoni tal-ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja tippermetti li jiġu kkompensati l-effetti tad-differenza fit-trattament li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Fil-fatt huwa biss fis-sitwazzjoni fejn it-taxxa f'ras il-għajn imposta skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tista' tiġi paċuta mat-taxxa dovuta fl-Istat Membru l-ieħor f'ammont li jkun ekwivalenti għad-differenza fit-trattament li tirriżulta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali li d-differenza fit-trattament bejn id-dividendi ddistribwiti lil kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra u d-dividendi ddistribwiti lil kumpanniji residenti tisparixxi totalment.

38 Fil-każ preżenti, għandu jingħad li tpaċija bħal din mat-taxxa dovuta fl-Istat Membru l-ieħor tat-taxxa f'ras il-għajn imposta fl-Italja ma hijiex iggarantita mil-leġiżlazzjoni Taljana. Fil-fatt, it-tpaċija tippresupponi b'mod partikolari li d-dividendi provenjenti mill-Italja jkunu ntaxxati b'mod suffiċjenti fl-Istat Membru l-ieħor. Hekk kif l-Avukat Ġenerali sostniet fil-punti 58 u 59 tal-konklużjonijiet tagħha, jekk dawn id-dividendi ma humiex intaxxati jew jekk ma humiex intaxxati biżżejjed, is-somma miżmuma f'ras il-għajn fl-Italja jew parti minnha ma tistax tiġi paċuta. F'dan il-każ, id-differenza fit-trattament li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tistax tiġi kkumpensata mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja.

39 Issa, l-għażla li jiġi ntaxxat, fl-Istat Membru l-ieħor, id-dħul provenjenti mill-Italja jew il-livell li fih huwa ntaxxat ma tiddependix mir-Repubblika Taljana iżda mill-metodi ta' tassazzjoni ddefiniti mill-Istat Membru l-ieħor. B'hekk ir-Repubblika Taljana ma tistax issostni li t-tpaċija tat-taxxa f'ras il-għajn imposta fl-Italja mat-taxxa dovuta fl-Istat Membru l-ieħor, skont id-dispożizzjonijiet tal-ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja, tippermetti fi kwalunkwe każ li tikkumpensa d-differenza fit-trattament li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

40 Għalhekk ir-Repubblika Taljana ma tistax issostni li, minħabba l-applikazzjoni tal-ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja, id-dividendi ddistribwiti lil kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra ma humiex, finalment, ittrattati b'mod differenti mid-dividendi ddistribwiti lill-kumpanniji residenti.

41 Barra minn hekk ir-Repubblika Taljana indikat matul il-proċeduri li hija ma kkonkludietx ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja mas-Slovenja. Konsegwentement, l-argumenti tagħha, fi kwalunkwe każ ma jistgħux jintlaqgħu fir-rigward tad-dividendi ddistribwiti lil kumpanniji stabbiliti fis-Slovenja.

42 Fuq it-tieni punt, ir-Repubblika Taljana lanqas ma tista' ssostni li d-differenza fit-trattament ikkonstatata fil-punt 33 tas-sentenza preżenti ma teżistix peress li għandha tiġi kkunsidrata s-sistema ta' tassazzjoni Taljana b'mod ġenerali, li l-għan tagħha huwa li tiġi żgurata b'mod dirett jew indirett it-tassazzjoni tal-persuni fiżiċi li huma l-benefiċjarji finali tad-dividendi, u b'mod partikolari l-fatt li l-persuna fiżika residenti u azzjonista hija suġġetta għat-taxxa personali fuq id-dħul tagħha, b'mod li l-livell ta' tassazzjoni bejn l-azzjonist li huwa persuna fiżika residenti u l-azzjonist mhux residenti jkun fir-realtà l-istess.

43 Fil-fatt huwa suffiċjenti, sabiex jiġi miċħud dan l-argument, li jingħad li b'dan l-argument qed jiġu pparagunati sistemi u sitwazzjonijiet li ma humiex paragunabbli, jiġifieri minn naħa persuni fiżiċi benefiċjarji ta' dividendi nazzjonali u s-sistema ta' tassazzjoni tagħhom fuq id-dħul u, min-naħa l-oħra, kumpanniji b'kapital azzjonarju benefiċjarji ta' dividendi li jitħallsu lil benefiċjarji barranin u t-taxxa f'ras il-għajn li hija imposta mir-Repubblika Taljana. F'dan ir-rigward, il-fatt li l-leġiżlazzjoni Taljana għandha l-għan, skont ir-Repubblika Taljana, li tikkoreġi żbilanċ eventwali fil-livell ta' tassazzjoni tal-persuni fiżiċi li għandhom ishma fil-kumpanniji li lilhom jitħallsu d-dividendi huwa irrilevanti.

44 Dan l-Istat Membru ma jistax konsegwentement isostni li ma hemmx differenza fit-trattament bejn il-metodu ta' tassazzjoni tad-dividendi ddistribwiti lil kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra u dak tad-dividendi ddistribwiti lill-kumpanniji residenti.

45 Issa, differenza fit-trattament bħal din tista' tiskoraġġixxi lill-kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra milli jinvestu fl-Italja. Din konsegwentement tammonta għal restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital ipprojbita, bħala prinċipju, mill-Artikolu 56(1) KE.

46 Madankollu, għandu jiġi eżaminat jekk din ir-restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital tistax tiġi ġġustifikata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat.

47 B'mod konformi mal-Artikolu 58(1) KE, "[i]d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 56 m'għandhomx jippreġudikaw id-dritt ta' l-Istati Membri […] li japplikaw id-disposizzjonijiet relevanti tal-liġi fiskali tagħhom li jagħmlu distinzjoni bejn persuni li jħallsu t-taxxa li mhumiex fl-istess sitwazzjoni rigward il-post ta' residenza tagħhom […]".

48 Id-deroga prevista fl-imsemmija dispożizzjoni hija hi stess limitata mill-Artikolu 58 (3) KE li jipprovdi li d-dispożizzjonijiet nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu "m'għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-moviment liberu ta' kapital u ħlasijiet kif definit fl-Artikolu 56".

49 Id-differenzi fit-trattament awtorizzati mill-Artikolu 58(1)(a) KE għandhom b'hekk jiġu distinti minn diskriminazzjonijiet ipprojbiti mill-paragrafu 3 ta' dan l-istess artikolu. Issa, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, sabiex leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali bħal dik inkwistjoni hawnhekk tkun tista' titqies bħala kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital, jeħtieġ li d-differenza fit-trattament tikkonċerna sitwazzjonijiet li ma humiex oġġettivament paragunabbli jew li d-differenza tkun iġġustifikata minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali (ara s-sentenzi tas-6 ta' Ġunju 2000, Verkooijen, C-35/98, Ġabra p. I-4071, punt 43; tas-7 ta' Settembru 2004, Manninen, C-319/02, Ġabra p. I-7477, punt 29, u tat-8 ta' Settembru 2005, Blanckaert, C-512/03, Ġabra p. I-7685, punt 42).

50 Konsegwentement, għandu jiġi vverifikat jekk, fid-dawl tal-għan tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, il-kumpanniji benefiċjarji tad-dividendi residenti fl-Italja u dawk stabbiliti fi Stat Membru ieħor jinsabux f'sitwazzjonijiet paragunabbli.

51 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, fir-rigward tal-miżuri previsti minn Stat Membru sabiex jimpedixxi jew inaqqas l-impożizzjoni ta' sensiela ta' taxxi, jew it-taxxa doppja ekonomika, fuq profitti ddistribwiti minn kumpanniji residenti, l-azzjonisti residenti li jirċievu d-dividendi ma jinsabux neċessarjament f'sitwazzjoni li tixbah lil dik ta' azzjonisti li jirċievu dividendi u li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor (sentenzi Denkavit Internationaal u Denkavit France, iċċitata iktar 'il fuq, punt 34).

52 Madankollu, mill-mument li Stat Membru, unilateralment jew permezz ta' ftehim, jimponi t-taxxa fuq id-dħul mhux biss fuq l-azzjonisti residenti, iżda wkoll fuq azzjonisti mhux residenti, fir-rigward tad-dividendi li huma jirċievu mingħand kumpannija residenti, is-sitwazzjoni tal-imsemmija azzjonisti mhux residenti toqrob dik tal-azzjonisti residenti (sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, punt 68; Denkavit Internationaal u Denkavit France, punt 35, kif ukoll Amurta, punt 38).

53 Fil-fatt, huwa biss l-eżerċizzju minn dan l-istess Stat tal-kompetenza fiskali tiegħu li, indipendentement minn kull tassazzjoni fi Stat Membru ieħor, jagħti lok għal riskju ta' impożizzjoni ta' sensiela ta' taxxi jew ta' taxxa doppja ekonomika. F'każ bħal dan, sabiex il-kumpanniji benefiċjarji li ma humiex residenti ma jiġux suġġetti għal restrizzjoni pprojbita fuq il-moviment liberu tal-kapital, bħala regola ġenerali, permezz tal-Artikolu 56 KE, l-Istat li fih hija stabbilita l-kumpannija li tqassam id-dividendi għandu jiżgura li, meta mqabbla mal-proċedura prevista fid-dritt nazzjonali tiegħu għall-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-impożizzjoni ta' sensiela ta' taxxi jew ta' taxxa doppja ekonomika, il-persuni mhux residenti jkunu suġġetti għal trattament ekwivalenti għal dak applikabbli għar-residenti (ara s-sentenza Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, punt 70, kif ukoll Amurta, punt 39).

54 Issa, għandu jingħad li l-leġiżlatur Taljan għażel li jeżerċita l-kompetenza fiskali tiegħu fuq id-dividendi ddistribwiti lil kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra. Il-benefiċjarji mhux residenti ta' dawn id-dividendi konsegwentement jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik tar-residenti għal dak li jirrigwarda r-riskju tat-taxxa doppja ekonomika tad-dividendi ddistribwiti mill-kumpanniji residenti, b'mod li l-benefiċjarji mhux residenti ma jistgħux jiġu ttrattati b'mod differenti minn benefiċjarji residenti.

55 F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Taljana ssostni li d-differenza fit-trattament hija ġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali intiżi sabiex jiżguraw il-koerenza tas-sistema fiskali, il-manteniment ta' tqassim bilanċjat tal-poter ta' tassazzjoni u l-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa, raġunijiet li l-Qorti tal-Ġustizzja effettivament għarfet bħala ta' tali natura li jiġġustifikaw differenzi bħal dawn (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Marks & Spencer, iċċitata iktar 'il fuq, punt 51; tal-15 ta' Mejju 2008, Lidl Belgium, C-414/06, Ġabra p. I-3601, punt 42, kif ukoll, fir-rigward tal-ġustifikazzjoni bbażata fuq il-koerenza tas-sistema fiskali, is-sentenzi tat-28 ta' Jannar 1992, Bachmann, C-204/90, Ġabra p. I-249, punt 28, u tat-13 ta' Marzu 2007, Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation, C-524/04, Ġabra p. I-2107, punt 68).

56 Fir-rigward tal-ġustifikazzjoni bbażata fuq il-koerenza tas-sistema fiskali u l-manteniment ta' tqassim bilanċjat tal-poter ta' tassazzjoni, huwa suffiċjenti, sabiex tiġi miċħuda, li jingħad li r-Repubblika Taljana tuża essenzjalment l-argumenti esposti sabiex tiddefendi l-argument li d-differenza fit-trattament imsemmija fil-punt 33 tas-sentenza preżenti ma teżistix peress li jeħtieġ ukoll li jiġi kkunsidrat li l-persuni fiżiċi azzjonisti residenti huma suġġetti fl-Italja għat-taxxa fuq id-dħul. Għar-raġunijiet spjegati fil-punt 43 tas-sentenza preżenti, argumentazzjoni bħal din ma tistax tintlaqa'.

57 Fir-rigward tal-ġustifikazzjoni bbażata fuq il-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa, għandu jiġi mfakkar li restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital tista' tkun ammessa biss bil-kundizzjoni li tkun adegwata sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan inkwistjoni mingħajr ma tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan (sentenzi Marks & Spencer, iċċitata iktar 'il fuq, punt 35; tat-12 ta' Settembru 2006, Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas, C-196/04, Ġabra p. I-7995, punt 47, kif ukoll Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq, punt 64).

58 B'hekk, ġustifikazzjoni bbażata fuq il-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa tista' tiġi aċċettata biss jekk hija tirrigwarda skemi purament artifiċjali li għandhom l-għan li tiġi evitata l-liġi fiskali, ħaġa li teskludi kull preżunzjoni ġenerali ta' evażjoni. B'hekk, preżunzjoni ġenerali ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa ma tistax tkun suffiċjenti sabiex tiġġustifika miżura fiskali li tista' tippreġudika l-għanijiet tat-Trattat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Settembru 2000, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-478/98, Ġabra p. I-7587, punt 45, kif ukoll Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas, iċċitata iktar 'il fuq, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

59 Issa, fil-każ preżenti, huwa b'mod ġenerali li d-dividendi kollha ddistribwiti lil kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra huma suġġetti għal sistema fiskali inqas favorevoli. Trattament inqas favorevoli bħal dan ma jistax, għalhekk, ikun iġġustifikat fid-dawl tal-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa.

60 Barra minn hekk, id-Direttiva tal-Kunsill 77/799/KEE, tad-19 ta' Diċembru 1977, dwar l-għajnuna komuni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni diretta u indiretta (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 63), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE, tal-25 ta' Frar 1992 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 179, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 77/799"), tista' tiġi invokata minn Stat Membru sabiex jikseb, mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor, l-informazzjoni neċessarja kollha li permezz tagħha jkun jista' jistabbilixxi b'mod korrett l-ammont tat-taxxi koperti mill-imsemmija direttiva (ara s-sentenza Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas, iċċitata iktar 'il fuq, punt 71).

61 It-trattament inqas favorevoli li għaliha l-leġiżlazzjoni Taljana tissuġġetta d-dividendi ddistribwiti lil kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra tammonta, konsegwentement, għal restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital inkompatibbli mal-Artikolu 56 (1) KE.

62 Fl-aħħar nett, ir-Repubblika Taljana ma tistax issostni li r-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandu fi kwalunkwe każ jiġi miċħud peress li l-inkompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni tagħha mal-Artikolu 56(1) KE tirriżulta mill-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu li saret mill-Qorti tal-Ġustizzja f'sentenzi mogħtija fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari f'data sussegwenti għal dik tal-opinjoni motivata fil-kawża preżenti.

63 Fil-fatt, l-interpretazzjoni li, fl-eżerċizzju tal-kompetenza li jagħtiha l-Artikolu 234 KE, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lil regola ta' dritt Komunitarju tiċċara u tippreċiża t-tifsira u l-portata ta' din ir-regola, hekk kif għandha jew kellha tkun mifhuma u applikata minn meta ġiet implementata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Marzu 1980, Denkavit italiana, 61/79, Ġabra p. 1205, punt 16), ħlief jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tkun limitat, fir-rigward tal-passat, il-possibbiltà li d-dispożizzjoni hekk interpretata tiġi invokata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Denkavit italiana, iċċitata iktar 'il fuq, punt 17).

64 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li, billi ssuġġettat id-dividendi ddistribwiti lil kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra għal sistema fiskali inqas favorevoli minn dik applikata għad-dividendi ddistribwiti lill-kumpanniji residenti, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 56(1) KE.

— Fuq il-ksur tal-Ftehim ŻEE

65 Wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Ftehim ŻEE huwa li jinkiseb bl-iktar mod komplet possibbli l-moviment liberu tal-merkanzija, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) kollha, b'tali mod li s-suq intern maħluq fit-territorju tal-Komunità jiġi estiż għall-Istati tal-EFTA. F'din il-perspettiva, diversi dispożizzjonijiet tal-imsemmi ftehim huma intiżi sabiex jiggarantixxu l-interpretazzjoni l-iktar uniformi possibbli tiegħu fiż-ŻEE kollha (ara l-Opinjoni 1/92, tal-10 ta' April 1992, Ġabra p. I-2821). F'dan il-kuntest, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tara li r-regoli tal-Ftehim ŻEE, essenzjalment identiċi għal dawk tat-trattat, jiġu interpretati b'mod uniformi fl-Istati Membri (sentenza tat-23 ta' Settembru 2003, Ospelt u Schlössle Weissenberg, C-452/01, Ġabra p. I-9743, punt 29).

66 Minn dan jirriżulta li, għalkemm restrizzjonijiet għall-moviment liberu tal-kapital bejn ċittadini tal-Istati firmatarji tal-Ftehim ŻEE għandhom ikunu evalwati fid-dawl tal-Artikolu 40 u tal-Anness XII tal-imsemmi ftehim, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom l-istess portata ġuridika bħal dik tad-dispożizzjonijiet, essenzjalment identiċi, tal-Artikolu 56 KE (ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, C-521/07, Ġabra p. I-4873, punt 33).

67 Għaldaqstant u għar-raġunijiet esposti fl-eżami tar-rikors fir-rigward tal-Artikolu 56 (1) KE, għandu jiġi kkunsidrat li t-trattament inqas favorevoli li għalih il-leġiżlazzjoni Taljana tissuġġetta d-dividendi ddistribwiti lil kumpanniji stabbiliti fl-Istati firmatarji tal-Ftehim ŻEE jammonta għal restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital fis-sens tal-Artikolu 40 tal-Ftehim ŻEE.

68 Madankollu għandu jiġi kkonstatat li din ir-restrizzjoni hija ġġustifikata bir-raġuni imperattiva ta' interess ġenerali tal-ġlieda kontra l-frodi fiskali.

69 Hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, il-ġurisprudenza li tirrigwarda r-restrizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-libertajiet ta' moviment fi ħdan il-Komunità, ma tistax tiġi kompletament trasposta għall-moviment tal-kapital bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi, peress li dawn il-libertajiet ta' movimenti jaqgħu f'kuntest legali differenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2007, A, C-101/05, Ġabra p. I-11531, punt 60).

70 Fil-każ preżenti, għandu jingħad li, l-ewwel nett, il-qafas ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri stabbilit bid-Direttiva 77/799 ma jeżistix bejnhom u l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż terz meta dan tal-aħħar ma jkun ħa ebda impenn ta' għajnuna reċiproka.

71 Sussegwentement ir-Repubblika Taljana sostniet, mingħajr ma ġiet kontradetta, li ebda dispożizzjoni ta' skambju ta' informazzjoni ma teżisti bejnha u l-Prinċipat tal-Liechtenstein. Fl-aħħar nett, ir-Repubblika Taljana sostniet, ukoll mingħajr ma ġiet kontradetta fuq dan il-punt, li l-ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja li hija ffirmat mar-Repubblika tal-Islanda u mar-Renju tan-Norveġja ma fihomx dispożizzjonijiet li jipprovdu għal obbligu li tiġi pprovduta informazzjoni.

72 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-leġiżlazzjoni Taljana inkwistjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala ġġustifikata fir-rigward tal-Istati firmatarji tal-Ftehim ŻEE bir-raġuni imperattiva ta' interess ġenerali marbuta mal-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u li tkun tali li tiggarantixxi l-kisba tal-għan inkwistjoni mingħajr ma tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan.

73 Konsegwentement ir-rikors għandu jiġi miċħud sa fejn jirrigwarda l-ksur, mir-Repubblika Taljana, tal-obbligi tagħha skont l-Artikolu 40 tal-Ftehim ŻEE.

74 Il-Kummissjoni ssostni wkoll li l-leġiżlazzjoni Taljana tammonta għal restrizzjoni mhux iġġustifikata fuq il-libertà ta' stabbiliment iggarantita mill-Artikolu 31 tal-Ftehim ŻEE.

75 Madankollu, u għar-raġunijiet spjegati fir-rigward tal-Artikolu 40 tal-Ftehim ŻEE, il-leġiżlazzjoni Taljana inkwistjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala ġġustifikata fir-rigward tal-Istati firmatarji tal-Ftehim ŻEE bir-raġuni imperattiva ta' interess ġenerali marbuta mal-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u li tkun tali li tiggarantixxi l-kisba tal-għan inkwistjoni mingħajr ma tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan.

76 Konsegwentement ir-rikors għandu jiġi miċħud ukoll sa fejn jirrigwarda n-nuqqas ta' kunsiderazzjoni, mir-Repubblika Taljana, tal-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 31 tal-Ftehim ŻEE.

Fuq l-ispejjeż

77 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Taħt l-Artikolu 69(3), ta' dawn ir-regoli, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi li taqsam l-ispejjeż jew tiddeċiedi li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha jekk il-partijiet ikunu telliefa rispettivament fuq kap jew aktar tat-talbiet tagħhom jew għal raġunijiet eċċezzjonali.

78 F'din il-kawża, għandu jiġi kkunsidrat il-fatt li ċerti lmenti tal-Kummissjoni ma ntlaqgħux.

79 Għalhekk, ir-Repubblika Taljana għandha tiġi kkundannata għal tliet kwarti tal-ispejjeż kollha. Il-Kummissjoni hija kkundannata għall-kwart l-ieħor tal-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Billi ssuġġettat id-dividendi ddistribwiti lil kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra għal sistema fiskali inqas favorevoli minn dik applikata għad-dividendi ddistribwiti lill-kumpanniji residenti, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 56(1) KE.

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

3) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata tbati tliet kwarti mill-ispejjeż kollha. Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija kkundannta tbati l-kwart l-ieħor.

Firem